MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2017

Rikors Maħluf Numru: 308/15 LM

**Vincent u Maria Dolores konjugi Mizzi**

**vs.**

**Untours Insurance Agents Limited**
**[bħala aġenti tas-soċjetà estera QIC International LLC]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tal-atturi **Vincent u Maria Dolores konjuġi Mizzi** (minn issa 'l quddiem "l-atturi) ippreżentat mill-attur Vincent Mizzi fit-30 ta' Marzu, 2015, li jaqra hekk:

*"DIKJARAZZJONI TAL-FATTI*

*Illi nhar l-4 ta' Novembru, 2012 seħħ inċident awtomobilistiku fi Triq tal-Barrani, Santa Luċija għall-ħabta tas-6.45 a.m. illi kien jinvolvi l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni GBI 671 di proprjetà tal-atturi, misjuqa mill-attur Vincent Mizzi u l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RNE 167 assigurata mis-soċjetà konvenuta;*

*Illi l-imsemmi inċident seħħ unikament minħabba negliġenza, traskuraġni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tad-defunt Fr. Renè Cilia illi kien qiegħed isuq l-imsemmija vettura assigurata mas-soċjetà konvenuta, u li tilef ħajtu fl-istess inċident. Effettivament, is-soċjetà konvenuta diġà aċċettat ir-responsabilità għall-inċident de quo, u dan skont ma jirriżulta mill-email datat 24 ta' Jannar, 2013 mibgħut minn Doreen Tabone bħala rappreżentant tas-soċjetà konvenuta lis-soċjetà assiguratriċi tal-atturi, illi kopja tiegħu annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. RG1;*

*Illi bħala konsegwenza tal-inċident de quo, l-atturi soffrew danni materjali, inkluż spejjeż mediċi, telf ta' salarju, filwaqt illi l-attur Vincent Mizzi sofra wkoll danni personali konsistenti f'diżabilità permanenti, u dan kif ser jirriżulta tul it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

*Illi minkejja illi aċċettat ir-responsabilità għall-inċident de quo [Dok. RG1], u saħansitra indennizzat lis-soċjetà assiguratriċi tal-atturi in konnessjoni mal-ammonti kollha minnha sborsati ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive in konnessjoni mad-danni sofferti fil-vettura tal-atturi, u minkejja illi ġiet debitament interpellata anke permezz tal-ittra uffiċjali tal-5 ta' Jannar, 2015, is-soċjetà konvenuta baqgħet ma resqitx għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni effettivi sofferti*

*mill-atturi. Kopja Legali tal-Ittra Uffiċjali tal-5 ta' Jannar, 2015 annessa, esebita u mmarkata bħala Dok. RG2;*

*Illi dawn il-fatti hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza tal-atturi.*

*RAĠUNI GĦAT-TALBIET F'DAWN IL-PROĊEDURI*

*Illi l-preżenti proċeduri qegħdin isiru sabiex dina l-Onorabbli Qorti fl-ewwel lok tiddikjara, anke in vista tal-ammissjoni tas-soċjetà konvenuta [Dok. RG1] illi d-defunt Fr. Renè Cilia illi kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RNE 167, assigurata mis-soċjetà konvenuta, kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ nhar l-4 ta' Novembru, 2012 fi Triq tal-Barrani, Santa Luċija għall-ħabta tas-6.45 a.m. u konsegwentement, ai termini tal-Artikolu 9A tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà konvenuta hija obbligata illi tindennizza lill-atturi għad-danni kollha minnhom sofferti bħala riżultat tal-istess inċident, u in segwitu jiġu likwidati u jkun hemm kundanna għall-ħlas tad-danni sofferti mill-atturi bħala riżultat tal-inċident de quo, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi.*

*TALBIET ATTRIĊI*

*Għaldaqstant tgħid is-soċjetà konvenuta għaliex dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex:-*

*Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-defunt Fr. Renè Cilia, illi kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RNE 167, assigurata mis-soċjetà konvenuta, kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ nhar l-4 ta' Novembru, 2012 fi Triq tal-Barrani, Santa Luċija*

*għall-ħabta tas-6.45 a.m. u dan anke kif diġà ammess mill-istess soċjetà konvenuta;*

*Tiddikjara u tiddeċiedi konsegwentement illi, ai termini tal-Artikolu 9A tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà konvenuta hija obbligata illi tindennizza lill-atturi għad-danni kollha minnhom sofferti bħala riżultat tal-istess inċident;*

*Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, kemm dawk materjali konsistenti fi spejjeż mediċi u legali u telf ta' salarju, kif ukoll id-danni kollha konsegwenzjali, inkluż dawk konnessi mad-diżabilità permanenti sofferta mill-attur Vincent Mizzi, bħala riżultat tal-inċident de quo, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*

*Tordna u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Untours Insurance Agents Limited [bħala aġenti tas-soċjetà estera QIC International LLC]** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") ippreżentata fl-4 ta' Mejju, 2015 ikkonfermata bil-ġurament minn Ivan Buttigieg, li permezz tagħha ammettiet ir-responsabbiltà tal-assikurat tagħha għall-inċident id-defunt Fr. Renè Cilia, iżda stqarret li ma kienx hemm qbil dwar il-*quantum* tad-danni.

Rat id-dokumenti esebiti u d-depożizzjonijiet tal-atturi, u ta' **Dr Julian Grima**.

Rat ir-rapport tal-esperti mediċi.

Rat li l-kawża ġiet differita għall-udjenza tal-lum 12 ta' Jannar, 2017 għas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar ir-responsabbiltà tal-inċident din il-Qorti m'għandha għalfejn tagħmel l-ebda indaġini billi l-ammissjoni tikkostitwixxi l-aħjar prova li tista' titressaq tant li tissejjaħ ir-reġina tal-provi. Is-soċjetà konvenuta ammettiet ir-responsabbiltà għall-inċident mertu ta' din il-kawża permezz ta' email datata 24 ta' Jannar, 2013[1] kif ikkonfermat ukoll fir-Risposta Maħlufa tal-istess soċjetà konvenuta.[2]

Illi filwaqt li l-atturi ressqu l-provi dwar il-*quantum* tad-danni, is-soċjetà konvenuta ma speċifikatx fejn mhix qiegħda taqbel magħhom in sostenn tal-eċċezzjoni tagħha u lanqas ippruvat tinfiċja dawn il-provi permezz ta' kontroeżami jew permezz ta' provi oħrajn, għajr li b'nota konġunta mal-atturi talbet il-ħatra ta' espert mediku biex jirrelata dwar il-perċentwal ta' diżabilità tal-attur Vincent Mizzi.

Illi dwar id-*damnum emergens* l-atturi ressqu provi dokumentali kif ukoll id-depożizzjonijiet rispettivi tagħhom bil-mezz tal-affidavit, li juru total ta' €2,771.04.

[1] A fol. 6 tal-proċess.
[2] A fol. 52 tal-proċess.

Illi dwar id-diżabilità, l-atturi pproduċew rapport *ex parte* ta' Mr Massimo Abela, Orthopaedic and Trauma Surgeon, li ċċertifika li l-attur Vincent Mizzi għandu diżabilità permanenti ta' 2%. Il-Qorti, fuq talba konġunta tal-partijiet, ħatret bħala espert tagħha lil Mr Carmel Sciberras, Consultant Orthopaedic Surgeon, li wkoll ikkonstata diżabilità permanenti ta' 2%.

Illi l-introjtu tal-attur huwa salarju ta' €16,110.33 fis-sena. Il-Qorti taqbel mal-atturi li dan għandu jiġi aġġustat għal €21,000 abbażi tal-prinċipji enunċjati in re: **Saviour Ellul Bonici et vs. Salvatore Farrugia** sabiex jittieħed kont taż-żieda fl-għoli tal-ħajja fil-perijodu tal-*multiplier*. Fid-data tal-inċident l-attur kellu 51 sena u l-età pensjonabbli tiegħu hija ta' 64 sena. Għalhekk hu applikabbli *multiplier* ta' 13-il sena. Billi għaddew 3 snin mill-inċident japplika tnaqqis għall-ħlas *lump sum* ta' 16%. Għalhekk bħala *lucrum cessans* l-attur huwa intitolat jieħu €21,000 x 2% x 13 x 0.84 = €4,586.40.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet kollha premessi din il-Qorti qegħda taqtà u tiddeċiedi din il-kawża billi –**

**1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi d-defunt Fr. Renè Cilia, illi kien qiegħed isuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni RNE 167, assigurata mis-soċjetà konvenuta, kien unikament responsabbli għall-inċident awtomobilistiku illi**

**seħħ nhar l-4 ta' Novembru, 2012 fi Triq tal-Barrani, Santa Luċija għall-ħabta tas-6.45 a.m. u dan anke kif diġà ammess mill-istess soċjetà konvenuta;**

**2. Tiddikjara u tiddeċiedi konsegwentement illi, ai termini tal-Artikolu 9A tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, is-soċjetà konvenuta hija obbligata illi tindennizza lill-atturi għad-danni kollha minnhom sofferti bħala riżultat tal-istess inċident;**

**3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi, fis-somma ta' €7,357.44;**

**4. Tordna u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.**

**Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża kif ukoll l-imgħax legali mill-ittra uffiċjali sad-data tal-ħlas effettiv.**[3]

Moqrija

[3] Miżjuda wara d-digriet mogħti mill-Qorti fl-24 ta' Jannar, 2017 a tenur tal-Artikolu 235 tal-Kap. 12.